Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 7/2011/2

Fl-atti tar-Rikors 7/2011 GG
**Salvina Muscat, Guza Barbara, Carmelo Muscat, Maria Gafa, Emanuel Muscat u Francis Muscat**
**Vs**
**Nicolo' Baldacchino**

Illum 24 ta' Ottubru 2013

Il-Bord,

Ra ir-rikors promotur ippresentat fis 26 ta' Lulju 2011 mir-rikorrent Nicolo Baldacchino fejn ghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Bord, diversament kompost, fis-17 ta' Novembru 2010, fl-ismijiet 'Maria Baldacchino vs Nicola Muscat' Rikors Nru 26/02, fejn l-intimati, lkoll bhala eredi tal-mejjet Nicola Muscat, kienu gew ordnati jizgumbraw mill-art diviza maghrufa bhala 'Tat-Taflija', fil-Girgenti, limiti tas-Siggiewi, u stqarr illi fis 26 ta' Mejju 2011, wara illi huwa kien intavola Mandat ta' Zgumbrament kontra l-intimati u, dana kien gie ezegwit bl-

assistenza tal-Marixxalli tal-Qorti u tal-Puluzija, izda, ftit granet wara, regghu gew mibdula il-katnazzi tal-ghalqa u haddmu l-art u ghalhekk regghu hadu pussess ta' l-art b'mod abbusiv, la darba kien gia gie ezegwit l-izgumbrament.

Ghalhekk huwa talab lill dana il-Bord sabiex jordna li jittiehdu passi kontra l-intimati ghal disprezz lejn l-awtorita' ta' dan il-Bord.

Rat ir-risposta tal-intimati datat 12 ta' Awissu 2011 fejn sahqu illi huma biddlu l-katnazzi u haddmu l-art biss wara illi nhareg digriet illi sospenda l-ezekuzzjoni tas-sentenza fl 20 ta' Mejju 2011, u dana wara illi giet intavolata r-rikors ta' ritrattazzjoni.

Rat il-fatti kollha, kif jidher riprodott fil-kawza fl-istess ismijiet u deciza illum stess.

**Ikkunsidrat**

Illi, l-ewwel u qabel kollox, l-intimati kienu intavolaw ir-rikors ta' ritrattazzjoni fil 5 ta' Mejju 2011 filwaqt illi r-rikorrent kien intavola il-Mandat ta' Zgumbrament fis-6 ta' Mejju 2011.

Jirrizulta wkoll fl-atti illi t-talba ghas-sospensjoni tas-sentenza saret fis-17 ta' Mejju 2011, jigifieri wara illi gie intavolat il-Mandat ta' Zgumbrament izda qabel ma gie effettwat, u ghalhekk tali talba setghet saret.

Jirrizulta illi l-Mandat ta' Zgumbrament gie ezegwit abbazi ta' sentenza fis 26 ta' Mejju 2011, liema sentenza ma setghetx tigi ezegwita peress illi fl-20 ta' Mejju 2011, dana il-Bord kif diversament kompost, kien sospnda l-effetti tas-sentenza.

Ghalhekk, ghalkemm huwa minnu illi gie ezegwit il-Mandat ta' Zgumbrament, u huwa minnu illi wara l-intimati regghu hadu pussess tal-art u hadmuha minkejja li kienu gew mibdula l-katnazzi, tali azzjoni ma twassalx ghal

disprezz lejn l-awtorita' ta' dana il-Bord, peress illi huma kellhom kull dritt jippretendu li l-art kienet ghadha fil-pussess taghhom la darba l-effetti tas-sentenza kontra taghhom kien gie sospiz. Semmai, kien il-Mandat ta' Zgumbrament illi ma kellux isir, peress illi sar illegalment u bla bazi.

Ghalhekk ma jirrizulta ebda azzjoni dispreggjattiva da' arte tal-intimati lejn l-awtorita' ta' l-intimati
Ghalhekk, il-meritu ta' dana ir-rikors huwa issa superflwu.

Il-Bord ghalhekk qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------